3. Illi f'dan it-Testment l-istess Emanuel Portelli ħalla lil martu Maria Portelli bħala użufruttwarja mentri huwa innomina lill-erba' wliedu bħala l-eredi universali tiegħu Josephine Mallia, Emanuel Portelli, Anthony Portelli u Carmel sive Charles Portelli aħwa Portelli;

4. Illi fil-Causa Mortis li ġiet ippubblikata minn Nutar Dott. Christopher Gatt u datat 3 ta' April, 1998, l-aħwa Portelli ddikjaraw li huma werrieta fost proprjetajiet oħra, in-nofs tad-dar tar-residenza tad-defunt Emanuel Portelli u ċoè dar bin-numru 17 u 18, bil-bieb prinċipali bin-numru 18 u li llum iġib in-numru 15, sitwata fi Triq it-Torri, San Pawl il-Baħar, Malta, bl-arja libera tagħha u suġġetta fl-intier tagħha għal ċens annwu u perpetwu ta' Lm1.01.3 li f'ewro huma konvertiti għas-somma ta' €2.38c, suġġett għal użufrutt a favur ta' Maria Portelli;

5. Illi r-riċerki konnessi ma' din il-proprjetà qed jiġu annessi u mmarkati bħala 'Dok. A';

6. Illi din id-dar suġġetta fl-intier tagħha għal ċens annwu u perpetwu ta' Lm1.01.3 li f'ewro huma konvertiti għas-somma ta' €2.38c, suġġett għal użufrutt a favur ta' Maria Portelli;

7. Illi Maria Portelli tat b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli lill-erba' wliedha Josephine Mallia, Emanuel Portelli, Anthony Portelli, Carmel sive Charles Portelli aħwa Portelli s-sehem tagħha minn din id-dar, kif ukoll irrinunzjat mid-dritt ta' użufrutt imħolli lilha minn żewġha Emanuel Portelli fuq is-sehem tan-nofs indiviż l-ieħor;

8. Illi s-site plan qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. B';

9. Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu rwieħhom mal-fakultà mgħotija lilhom bil-liġi u ċoè bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu ċ-ċens;

10. Illi bil-preżenti, qed jifdu ċ-ċens hawn imsemmi billi l-esponenti qed jiddepożitaw is-somma ta' €47.60c li huma ekwivalenti għal ċens annwu u perpetwu ta' Lm1.01.3 li f'ewro huma konvertiti għas-somma ta' €2.38c, kapitalizzat bir-rata ta' 5%;

11. Illi l-esponenti qed jiddepożitaw is-somma ta' €47.60, sabiex bil-preżenti, u għall-effetti kollha tal-liġi huma jifdu dan iċ-ċens annwu u perpetwu, u b'hekk is-somma depożitata tiġi żbankata mill-intimati wara li jħallu d-debita riċevuta skont il-liġi.

2. That Emanuel Portelli died testate on the 31st October of the year 1997 whereby the same Portelli made a revocable will with his wife Maria Portelli and which is found in the records of Notary DrChristopher Gatt dated 14th September, 1995;

3. That in this will the same Emanuel Portelli left his wife Maria Portelli as usufructuary whilst he nominated his four (4) children as his Universal heirs Josephine Mallia, Emanuel Portelli, Anthony Portelli, Carmel sive Charles Portelli brothers and sisters Portelli;

4. That in the causa mortis which was published by Notary Dr Christopher Gatt and dated 3rd April, 1998, the Portelli brothers and sisters declared that they are heirs amongst other properties, of the half (1/2) of the house of residence of the deceased Emanuel Portelli and namely the house with numbers 17 and 18, with the main door with number 18 and which today bears number 15, situated in Triq it-Torri, St Paul's Bay, Malta, with its own airspace and subject in its entirety to an annual and perpetual ground rent of Lm1.01.3 which in euro are converted to the sum of €2.38c, subject to usufruct in favour of Maria Portelli;

5. That the searches connected with this property are being attached and marked as 'Doc. A';

6. That this house is subject in its entirety to the annual and perpetual groundrent of Lm1.01.3 which in euro are converted to the sum of €2.38c, subject to usufruct in favour of Maria Portelli;

7. That Maria Portelli gave by title of irrevocable donation to her four children Josephine Mallia, Emanuel Portelli, Anthony Portelli, Carmel sive Charles Portelli brothers and sisters Portelli her share of this house, as well as renounced the right of usufruct left to her by her husband Emanuel Portelli on the other half undivided share;

8. That the site plan is hereby attached and marked as 'Doc. B';

9. That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Law and namely by Article 1501 of the Civil Code and redeem the groundrent;

10. That by the present, they are redeeming the groundrent herein mentioned as the applicants are depositing the sum of €47.60c which are equivalent to the annual and perpetual groundrent of Lm1.01.3 which in euro are converted to the sum of €2.38c capitalised at the rate of 5%;

11. That the applicants are depositing the sum of €47.60c, so that by the present, and for all effects of law they redeem this annual and perpetual groundrent, and thus the sum deposited is withdrawn by the respondents after leaving the due receipt according to law.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 12 ta' Novembru, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Ġunju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify: Director Public Registry, Triq l-Arċisqof, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of Hon. Madam Justice Joanne Vella Cuschieri, LLD, Doctor of Laws.

This 12th November, 2024

Registry of the Superior Courts, today 25th June, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1697

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-8 ta' April, 2026, Rikors numru 332/2026 mill-Avukat tal-Istat, fejn insegwitu tar-rikors Ninette (Silvana Ninette) Spiteri, imwielda Tal-Pietà, Malta, fit-2 ta' Frar, 1977, ta' 49 sena, kienet residenti San Ġwann u tinsab rikoverta fil-Kappara Hostel, post ġestit minn Richmond Foundation, li għandha karta tal-identità bin-numru 125577M, ġiet inabilitata permezz ta' digriet tas-16 ta' April, 2026, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 25 ta' Ġunju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 8th April, 2026, Application number 332/2026 by the State Advocate, whereby following the application Ninette (Silvana Ninette) Spiteri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 2nd February, 1977, aged 49, resided in San Ġwann and now is under care at Kappara Hostel, a place run by the Richmond Foundation, holding identity card number 125577M, was incapacitated by means of a decree given on the 16th April, 2026, under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 25th June, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1698

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-2 ta' Marzu, 2026, Rikors numru 191/2026, minn Mark Dalli et, fejn insegwitu tar-rikors Joseph Dalli, miżżewweġ lil Pauline

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 2nd March, 2026, Application number 191/2026, by Mark Dalli et, whereby following the application Joseph Dalli, married to Pauline

Dalli, imwieled Tal-Pietà, Malta, fil-25 ta' Lulju, 1950, ta' 75 sena, residenti 39, Villa Maria Bambina, Triq San David, L-Imtarfa, Malta, u li għandu karta tal-identità numru 0621750M, ġie interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ġunju, 2026.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 25 ta' Ġunju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Dalli, born in Msida, Malta, on the 25th July, 1950, aged 75, residing at 39, Villa Maria Bambina, Triq San David, Mtarfa, Malta, and holding identity card number 0621750M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 4th June, 2026.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 25th June, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1699

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Ġunju, 2026 fuq rikors ta' Catherine Imperia Caruana (KI 750035M) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell-1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-apartament bin-numru tnejn (2) (first floor) tal-blokka bl-isem 'Regent Place', fi Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, liberu u frank u bl-użu tal-bejt u sehem indiviż tal-partijiet komuni proporzjonat man-numru ta' appartamenti mibnija fil-blokk, li jinkludu l-bieb ta' barra, entrata, it-taraġ, it-tromba tat-taraġ, id-drains u s-sistema tad-drenaġġ, kif ukoll il-lift u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius datat d-disgħa u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed (29.3.2001) stmat li jiswa tliet mija u għoxrin elf ewro (€320,000).

L-imsemmi fond jappartjeni f'sehem ta' nofs indiviż (½) li Catherine Imperia Caruana u rimanenti nofs indiviż (½) l-ieħor lil Olena Volodymyrivna Caruana Verbytska (KI 2006902P).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 68/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 25 ta' Ġunju, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 18th June, 2026, on the application of Catherine Imperia Caruana (ID 750035M), Tuesday, 6th October, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78, nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment numbered two (2) (first floor) of the block named 'Regent Place', in Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, free and unencumbered with the right of use of the roof and an undivided share of the common parts proportionate to the number of apartments built in the block, which include the front door, hall, stairs, stairwell, drains and drainage system, as well as the lift and this as better described in the acts of Notary Joseph Vassallo Agius dated the twenty ninth of March of the year two thousand and one (29.3.2001) valued at three hundred and twenty thousand euro (€320,000).

The said tenement belongs to Catherine Imperia Carauna in a half undivided (½) share and the remaining half (½) undivided share to Olena Volodymyrivna Caruana Verbytska (ID 2006902P).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 68/2024.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 25th June, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1700

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Mejju, 2026, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 95/2026 FG fl-ismijiet 'Mario Formosa vs Francesca

It is hereby notified that by a decree issued on the 13th of May, 2026, by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, in the acts of judicial letter number 95/2026 FG in the names 'Mario Formosa vs Francesca Xaveria Helena

Xaveria Helena Dingli' ippreżentata fir-Reġistru fil-Qorti ta' Għawdex fil-5 ta' Frar, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Francesca Xaveria Helena Dingli (KI 117159M) bl-indirizz Mielħa Court Block, Flat 12, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Iż-Żebbuġ, Għawdex – u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri

Ittra Uffiċjali numru 95/2026

Lil: Francesca Xaveria Helena Dingli (KI 117159M), Mielħa Court Block, Flat 12, Triq s-Sajjied, Marsalforn, Iż-Żebbuġ, Għawdex

Bil-preżenti, Mario Formosa, detentur tal-karta tal-identità 235979M, jagħmel referenza għall-kuntratt ta' kera tal-1 ta' Frar, 2025, li bih ingħatajt b'titolu ta' kera mingħandu l-proprjetà fl-indirizz Mielħa Court Block, Flat 12, Triq s-Sajjied, Marsalforn, Iż-Żebbuġ, Għawdex.

Inti moruża fil-ħlas ta' tmien skadenzi ta' kera ta' €550 kull wieħed dovuti fit-2 ta' Lulju, 2025, fit-2 ta' Awwissu, 2025, fit-2 ta' Settembru, 2025, fit-2 ta' Ottubru, 2025, fit-2 ta' Novembru, 2025, fit-2 ta' Diċembru, 2025, fit-2 ta' Jannar, 2026, u fit-2 ta' Frar, 2026, u moruża wkoll fil-ħlas ta' ħames mija disgħa u sebgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€579.50) spejjeż tad-dawl u l-ilma.

Illi permezz tad-deċiżjoni tal-Panel ta' Arbitraġġ għall-Kirjiet datata 8 ta' Jannar, 2026, inti diġà ġejt ikkundannata tħallas l-ammonti ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) rappreżentanti ammonti dovuti minn Lulju sa Ottubru 2025.

Permezz tal-preżenti inti għalhekk qed tiġi interpellata sabiex tħallas l-ammont komplessiv ta' erbat elef disa' mija disgħa u sebgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€4,979.50) fi żmien ħmistax-il (15) jum min-notifika ta' din l-ittra.

Fin-nuqqas il-mittenti se jipproċedi kontrik ġudizzjarment biex jittermina l-kirja u jiżgumbrak mill-proprjetà.

Tant sabiex tagħraf timxi. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali fl-ogħla rata permissibbli bil-liġi.

(iff.) l-Av. Rachel Powell
280 E, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

(iff.) PL Daniel Aquilina

Mittenti: Mario Formosa, Promenade Court, Flat 5, Triq Santa Maria, Marsalforn, Iż-Żebbug, Għawdex, Malta

Dingli (ID 117159M)', filed in the Registry of the Court of Gozo on the 5th of February, 2026, the publication of the extract reproduced below was ordered and this in order to serve as notification against the respondent Francesca Xaveria Helena Dingli (ID 117159M) with the address Mielħa Court Block, Flat 12, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Iż-Żebbuġ, Gozo – and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction

Judicial Letter number 95/2026

To: Francesca Xaveria Helena Dingli (ID 117159M), Mielħa Court Block, Flat 12, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Żebbuġ, Gozo

By the present, Mario Formosa, holder of identity card 235979M, hereby refers to the lease agreement dated 1st February, 2025, by which you were granted by title of lease from him the property at the address Mielħa Court Block, Flat 12, Triq s-Sajjied, Marsalforn, Żebbuġ, Gozo.

You are in default of payment of eight lease instalments of €550 each due on 2nd July, 2025, on 2nd August, 2025, on 2nd September, 2025, on 2nd October, 2025, on 2nd November, 2025, on 2nd December, 2025, on 2nd January, 2026, and on 2nd February, 2026, and also in default of payment of five hundred seventy nine euro and fifty cents (€579.50) electricity and water costs.

That by means of the decision of the Rent Arbitration Panel dated 8th January, 2026, you were already condemned to pay the amounts of two thousand and four hundred euro (€2,400) representing amounts due from July till October 2025.

By the present you are thus being solicited to pay the total amount of four thousand nine hundred and seventy nine euro and fifty cents (€4,979.50) within fifteen (15) days from the notice of service of this letter.

In default the interpellant shall proceed against you judicially to terminate the lease and evict you from the property.

So much so that you may know how to proceed. With costs and legal interest at the highest rate permissible by law.

(sgd) Adv. Rachel Powell
280 E, Triq ir-Repubblika, Valletta

(sgd) PL Daniel Aquilina

Interpellant: Mario Formosa, Promenade Court, Flat 5, Triq Santa Maria, Marsalforn, Żebbuġ, Gozo, Malta

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 25 ta' Ġunju, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 25th of June, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1701

Billi Carmela Theuma ppreżentat rikors ġuramentat numru 47/2026 (FG) fl-ismijiet: 'Carmela Theuma vs id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku' fejn talbet il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-esponenti, bir-reġistrazzjoni numru 663/1938.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum 25 ta' Ġunju, 2026

LIANNE PORTELLI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Whereas Carmela Theuma filed a sworn application no. 47/2026 (FG) in the names 'Carmela Theuma vs Director Public Registry' demanding correction in the Act of Birth of the applicant, registered under registration number 663/1938.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen (15) days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ of summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section.

This 25th June, 2026

LIANNE PORTELLI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1702

Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrent Rubin Seguna (KI 371583M), Romina Seguna (KI 371483M) u Roderick Seguna (KI 353984M) ippreżenta rikors ġuramentat (numru 13/26 CSZ) fejn talbu l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Abraham Seguna bin-numru 3422/1988 u Emanuel Seguna bin-numru 3423/1988 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

Notice, Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Rubin Seguna (ID 371583M), Romina Seguna (ID 371483M) and Roderick Seguna (ID 353984M) filed an application under oath (number 13/26 CSZ) demanding corrections in the Act of Birth of Abraham Seguna (3422/1988) and Emanuel Seguna (3423/1988) in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 25 ta' Ġunju, 2026

BENJAMINA MIFSUD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 25th June, 2026

BENJAMINA MIFSUD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1703

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2893/2026, fl-ismijiet San Marino Executive Aviation S.r.l. et vs Rolls Royce plc, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 2130 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 18 ta' Ġunju, 2026

Lil: Rolls-Royce plc (VAT numru 345 8860 22), Kings Place, 90 York Way, Londra, N1 9FX, L-Ingilterra

1. Illi, permezz ta' din l-ittra uffiċjali, is-soċjetajiet esponenti (1) San Marino Executive Aviation S.r.l. (numru ta' Reġistrazzjoni 7926), soċjetà estera reġistrata fir-Repubblika ta' San Marino, bl-uffiċju reġistrat tagħha f'Via Ca Dei Lunghi, Nru 4, 47893 Caliungo, Repubblika ta' San Marino ('SMEA'), rappreżentata hawnhekk mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Antoine Cremona (KI 11980G) ta' 171, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta, u (2) Gozo Aviation Trading Limited (C84044), soċjetà reġistrata Malta, bl-uffiċċju reġistrat tagħha sitwat Hedera Bramble Garlands, Triq Wied Għollieqa, Il-Kappara, San Ġwann, Malta ('Gozo Aviation') (minn hawn 'il quddiem imsejħin kollettivament l-'Esponenti'), jirreferu għall-inġenju tal-ajru Airbus A330 (MSN 1358) (l-'Inġenju tal-Ajru'), inkluż il-magni Rolls-Royce Trent 772B tiegħu (il-'Magna/Magni'), mixtrija minn Gozo Aviation fil-11 ta' Marzu, 2024, u manifatturati minn Rolls-Royce plc ('Rolls-Royce' u/jew 'Inti');

2. Illi fit-2 ta' Lulju, 2024, inqas minn siegħa wara t-tluq ta' titjira minn Solo fl-Indonesja lejn Jeddah fl-Arabja Sawdija, fan blade ta' waħda mill-magni Rolls-Royce Trent 772B tal-Inġenju tal-Ajru (numru tas-serje tal-magna 42132) inkisret waqt it-titjira, u kkawżat ħsara katastrofika lill-Magna, waqfet il-Magna waqt it-titjira (in-flight engine shutdown) u, wara r-ritorn ta' emerġenza tal-Inġenju tal-Ajru lejn Solo, niren ħakmu l-Inġenju tal-Ajru (l-'Inċident'). Fiż-żmien rilevanti, l-Inġenju tal-Ajru u l-Magni tiegħu kienu operati minn SMEA taħt l-air operator's certificate tagħha, fuq bażi ta' wet-lease għal PT Garuda Indonesia (Persero) Tbk ('Garuda Indonesia');

By means of a decree of the 19th June, 2026, in the records of the judicial letter number 2893/2026, in the names San Marino Executive Aviation S.r.l. et vs Rolls Royce plc the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 2130(2) of Cap. 16 of the Laws of Malta.

In the First Hall of the Civil Court

Today 18th June, 2026

To: Rolls-Royce plc (VAT number 345 8860 22), Kings Place, 90 York Way, London, N1 9FX, England

1.That, by means of this present judicial letter, the sending companies (1) San Marino Executive Aviation S.r.l. (Registration number 7926), a company registered in the Republic of San Marino, with registered office at Via Ca Dei Lunghi, No. 4, 47893 Caliungo, Republic of San Marino ('SMEA'), represented hereon by its special attorney Advocate Antoine Cremona (KI 11980G) of 171, Triq l-Ifran, Valletta, and (2) Gozo Aviation Trading Limited (C84044), a company registered in Malta, with registered office at Hedera Bramble Garlands, Triq Wied Għollieqa, Kappara, San Ġwann, Malta ('Gozo Aviation') (hereinafter collectively referred to as the 'Claimants'), refer to the Airbus A330 aircraft (MSN 1358) (the 'Aircraft'), including its Rolls-Royce Trent 772B engines (the 'Engine/s'), purchased by Gozo Aviation on 11th March, 2024, and manufactured by Rolls-Royce plc ('Rolls-Royce' and/or 'You');

2. That on 2nd July, 2024, less than one hour into a repositioning flight from Solo in Indonesia to Jeddah in Saudi Arabia, a fan blade of one of the Aircraft's Rolls-Royce Trent 772B Engines (engine serial number 42132) fractured in flight, causing catastrophic damage to the Engine, an in-flight engine shutdown and, following the Aircraft's emergency return to Solo, a fire (the 'Incident'). At the relevant time, the Aircraft and its Engines were operated by SMEA under its air operator's certificate, on a wet-lease basis for PT Garuda Indonesia (Persero) Tbk ('Garuda Indonesia');

3. Illi bħala konsegwenza diretta tal-Inċident, il-Magna ġiet iddikjarata telf totali (total loss) u mingħajr il-possibbiltà ta' tiswija, l-Inġenju tal-Ajru nżamm l-art għal diversi xhur u reġa' daħal fis-servizz biss fit-30 ta' Novembru, 2024, u l-Esponenti ġarrbu, u qed ikomplu jġarrbu, telf, ħsara, u spejjeż sostanzjali. Dawn jinkludu, mingħajr limitazzjoni, l-ispiża tas-sostituzzjoni tal-Magna; l-ispiża tal-ispezzjoni, tiswija u sostituzzjoni ta' diversi partijiet tal-Inġenju tal-Ajru affettwati, diversi spezzjonijiet u stimi dettaljati minħabba vibrazzjoni waqt it-titjir fl-għoli implimentati minn Airbus; telf ta' dħul u qligħ li jirriżulta miż-żamma fl-art tal-Inġenju tal-Ajru u t-telf tal-kuntratt ma' Garuda Indonesia; it-tnaqqis fil-valur tal-Inġenju tal-Ajru; u aktar telf konsegwenzjali ieħor, spejjeż u imgħax;

3. That as a direct consequence of the Incident, the Engine was declared a total loss and beyond repair, the Aircraft was grounded for several months and returned to service only on 30th November, 2024, and the Claimants sustained, and continue to sustain, substantial loss, damage, costs and expenses. These include, without limitation, the cost of replacing the Engine; the cost of inspecting, repairing and replacing affected parts of the Aircraft, several detailed inspections and assessments due to high in-flight vibration implemented by Airbus; loss of revenue and profit arising from the grounding of the Aircraft and the loss of the Garuda Indonesia contract; the diminution in the value of the Aircraft; and further and consequential losses, costs and interest;

4. Illi r-Rapport ta' Investigazzjoni dwar is-Sigurtà tal-Ajru ta' Rolls-Royce stess, datat it-30 ta' Ottubru, 2025, jattribwixxi l-Inċident għal 'Fatigue and Localised Concentration Effects' assoċjati ma' varjazzjoni fl-acute corner radius u fil-ħxuna tal-pannell tax-xafra tal-fann (fan blade) affettwata, u jinnota numru ta' każijiet preċedenti fejn kisru x-xfafar tal-fann (fan-blade fracture) u avvenimenti relatati li affettwaw magni tal-istess tip;

4. That Rolls-Royce's own Air Safety Investigation Report dated 30th October, 2025, attributes the Incident to 'Fatigue and Localised Concentration Effects' associated with variation in the acute corner radius and in the panel thickness of the affected fan blade, and records a number of previous fan-blade fracture and related events affecting engines of the same type;

5. Illi l-Esponenti għaldaqstant iżommu lil Rolls-Royce responsabbli għall-Inċident u għat-telf, ħsara, spejjeż u mgħaxijiet kollha mġarrba u li jkunu se jiġu mġarrba minnhom bħala konsegwenza tiegħu. Mingħajr limitazzjoni, l-Inċident u t-telf u l-ħsarat li segwew, irriżultaw mid-disinn, manifattura u/jew kundizzjoni difettuża tal-imsemmija Magna u l-fan blades tagħha, u/jew min-nuqqas ta' Rolls-Royce li teżerċita diliġenza, prudenza jew ħsieb fid-disinn, manifattura, kummerċjalizzazzjoni, reġim ta' spezzjoni, continued airworthiness, reviżjonijiet tal-metodi ta' spezzjoni ineffettivi, monitoraġġ u appoġġ kontinwu tal-imsemmija Magna u l-fan blades tagħha, u/jew min-nuqqas ta' Rolls-Royce li tagħti twissijiet, direzzjonijiet jew istruzzjonijiet adegwati u f'waqthom f'dan ir-rigward;

5. That the Claimants thus hold Rolls-Royce responsible for the Incident and for all loss, damage, costs and interest suffered and to be suffered by them as a consequence thereof. Without limitation, the Incident and the resulting loss and damage were caused by the defective design, manufacture and/or condition of the said Engine and its fan blades, and/or by the failure of Rolls-Royce to exercise reasonable care in the design, manufacture, marketing, inspection regime, continued airworthiness, several revisions to ineffective inspection methods, monitoring and continued support of the said Engine and its fan blades, and/or by the failure of Rolls-Royce to give adequate and timely warnings, directions or instructions in respect thereof;

6. Illi l-Esponenti għaldaqstant jimtimaw lil Rolls-Royce tagħmel tajjeb u tħallashom it-telf, ħsara, spejjeż u l-imgħaxijiet kollha li rriżultaw minn jew b'rabta mal-Inċident, inklużi iżda mhux limitati għall-kapijiet ta' telf imsemmija fil-paragrafu 3 hawn fuq, flimkien ma' kull telf konsegwenzjali ieħor, spejjeż u mgħax;

6. That the Claimants accordingly call upon Rolls-Royce to make good and pay to them all loss, damage, costs and interest arising out of or in connection with the Incident, including but not limited to the heads of loss referred to in paragraph 3 above, together with all further and consequential losses, costs and interest;

7. Illi permezz ta' din l-ittra uffiċjali, l-Esponenti formalment qed iġibu a konoxxenza ta' Rolls-Royce li qed iżommuha responsabbli għal dan it-telf, ħsara, spejjeż u mgħax kollha, u li jirriżervaw id-drittijiet, talbiet, eċċezzjonijiet u rimedji kollha tagħhom kontra Rolls-Royce, kemm taħt il-liġijiet ta' Malta kif ukoll taħt kwalunkwe liġi applikabbli oħra, u kemm fid-delitt, kważi-delitt, kuntratt, kważi-kuntratt, ksur ta' dmirijiet fiduċjarji, u responsabbiltà għall-prodott, jew fuq kwalunkwe bażi oħra;

7. That by means of this judicial letter, the Claimants hereby formally place Rolls-Royce on notice that they hold it liable for all such loss, damage, costs and interest, and that they reserve all their rights, claims, pleas and remedies against Rolls-Royce, whether under the laws of Malta or under any other applicable law, and whether in tort, quasi-tort, contract, quasi-contract, breach of fiduciary duties, and product liability, or on any other basis whatsoever;

8. Rolls-Royce hija wkoll intimata sabiex minnufih tippreżerva l-provi dokumentarji u oħrajn kollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha li jirrigwardaw il-kwistjonijiet deskritti f'din l-ittra uffiċjali, għall-finijiet ta' kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji, arbitrali jew investigattivi li jistgħu jinbdew;

9. Illi l-Esponenti jirriżervaw id-dritt li jressqu kwalunkwe talba li jista' jkollhom kontra Rolls-Royce b'rabta mal-Inċident fi kwalunkwe forum xieraq, kemm taħt il-liġijiet ta' Malta kif ukoll kwalunkwe liġi applikabbli oħra. Xejn minn dak li jinsab f'din l-ittra uffiċjali ma għandu jiġi interpretat bħala rinunzja għal, jew preġudikazzjoni ta', kwalunkwe dritt, talba, eċċezzjoni jew rimedju tal-Esponenti jew jew min minnhom, u lanqas bħala sottomissjoni għal kwalunkwe ġuriżdizzjoni, ammissjoni jew rikonoxximent ta' kwalunkwe tip, inkluż fir-rigward tal-liġi sostantiva applikabbli, jew il-forum kompetenti biex jiddetermina kwalunkwe talba bħal din. Għaldaqstant, l-Esponenti bl-ebda mod ma huma qed jirrinunzjaw, inaqqsu jew jiċħdu d-dritt tagħhom li jkomplu jew li jibdew proċeduri legali fi kwalunkwe ġuriżdizzjoni oħra u/jew arbitraġġ u dan taħt kwalunkwe liġi applikabbli, kontra Rolls-Royce, u din l-ittra uffiċjali għalhekk qed tintbagħat mingħajr preġudizzju fl-intier tagħha;

10. Illi mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi hawn fuq, din l-ittra uffiċjali qed tiġi ppreżentata u nnotifikata, inter alia, bil-għan li tinterrompi d-dekorrenza ta' kwalunkwe terminu ta' preskrizzjoni applikabbli għat-talbiet tal-Esponenti kontra Rolls-Royce, inkluż iżda mhux limitat għat-terminu ta' preskrizzjoni kontemplat mill-Artikoli 1124F, 2153, 2154, u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), u kwalunkwe terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ieħor taħt il-liġijiet ta' Malta jew taħt kwalunkwe liġi applikabbli oħra. Permezz ta' din l-ittra uffiċjali l-Esponenti jimmanifestaw b'mod ċar l-intenzjoni tagħhom li jippreżervaw, u li jinfurzaw, kull wieħed mid-drittijiet tagħhom kontra Rolls-Royce.

Bl-ispejjeż u l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Ġunju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

8. Rolls-Royce is further called upon to preserve all documentary and other evidence in its possession or under its control relating to the matters described in this judicial letter, for the purposes of any judicial, arbitral or investigative proceedings that may be instituted in connection therewith;

9. That the Claimants reserve the right to assert any and all claims they may have against Rolls-Royce in connection with the Incident in any proper forum, whether under the laws of Malta or any other applicable law. Nothing contained in this judicial letter shall be construed as a waiver of, or as in any way prejudicing, any right, claim, plea or remedy of the Claimants or any one of them, nor as submission to any jurisdiction, admission or acknowledgement of any kind, including as regards the substantive law applicable, or the forum competent to determine any such claim. Accordingly, the Claimants are in no way renouncing, diminishing or waiving their right to continue with or to initiate legal proceedings in any other jurisdiction and/or arbitration and this under any applicable law, against Rolls-Royce, and this judicial letter is therefore sent entirely without prejudice;

10. That without prejudice to the above, this judicial letter is being filed and served, inter alia, for the purpose of interrupting the running of any and all prescriptive periods applicable to the claims of the Claimants against Rolls-Royce, including but not limited to the period of prescription contemplated by Articles 1124F, 2153, 2154, and 2156(f) of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta), and any other applicable prescriptive period under the laws of Malta or under any other applicable law. By means of this judicial letter the Claimants clearly manifest their intention to preserve, and to enforce, each and every one of their rights against Rolls-Royce.

With costs and interest until the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts today 26th June 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1704

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Mejju, 2026, fl-atti tal-protest numru 2/2026 fl-atti tal-kontro-protest numru 18/2026, fl-ismijiet IWS Global Limited vs Gauci Automobiles Company Limited, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront ta' IWS Global Limited.

By means of a decree of the 18th May, 2026, in the records of the protest number 2/2026 in the records of counter protest number 18/2026, in the names IWS Global Limited vs Gauci Automobiles Company Limited, the First Hall Civil Court ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 against IWS Global Limited.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 16 ta'Jannar, 2026

IWS Global Limited (C68332) vs Gauci Automobiles Company Limited (C18358)

Kontroprotest ta' Gauci Automobiles Company Limited (C18358)

Tesponi bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok, l-allegazzjonijiet kontenuti fil-protest ġudizzjarju bin-numru 2/2026 ippreżentat mis-soċjetà protestanta fil-5 ta' Jannar, 2026, huma assolutament infondati u bla bażi fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi hemm qbil illi l-vettura ddaħħlet għand is-soċjetà protestata sabiex isirulha xogħlijiet ta' tiswija wara inċident li seħħ meta int kont qed issuq il-vettura mikrija;

3. Illi wara li tali xogħlijiet kienu lesti, is-Sur Matthias Vidergold bħala d-direttur tal-kumpanija protestanta u wkoll bħala l-firmartarju u garantit tal-obbliġi naxxenti mill-ftehim bejn il-partijiet intalab ripetutament sabiex jiġbor il-vettura personalment u dan anke sabiex wara t-tisjwijiet li saru fuqha inti taċċetta l-vettura tale quale o meno. Illi inoltre tali rikjesta saret senjatament sabiex ikun hemm konferma illi tali tiswijiet saru a sodisfazzjon tal-kumpanija protestanta. Għalhekk a kuntrarju ta' dak allegat mis-soċjetà protestanta s-soċjetà protestanta kienet dejjem disposta li tirrilaxxa l-vettura lis-Sur Matthia Vidergold qua firmatarju tal-istess ftehim;

4. Illi sal-ġurnata tal-lum, l-istess Matthias Vidergold naqas milli jiġbor il-vettura kif kien mitlub u dan b'dannu għal esponenti;

5. Illi di più s-sojċetà protestata tirrileva illi s-soċjetà protestanta hija moruża fil-ħlas tal-kirja tal-istess vettura għal perjodu bejn Diċembru 2025 u Frar 2026, tant illi ġiet interpellata permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 61/2026 għal tali ħlas. Illi għaldaqstant, kwalunkwe allegazzjoni li l-kirja mensili dovuti taħt il-ftehim imsemmi baqgħet titħallas hija għal kollox inveritiera u konsegwentament m'hemm l-ebda ammont li għandu jiġi rifuż lis-soċjetà protestanta.

6. Illi għaldaqstant, is-soċjetà protestata qiegħda preżentament issofri danni u dan sforz l-inadempjenza assoluta min-naħa tas-soċjetà protestanta. Illi fl-eventwalità illi tali inadempjenza min-naħa tas-soċjetà protestanta u r-rappreżentant tagħha Matthias Vidergold tibqa' tippersisti, tali azzjoni se twassal għar-rexiżjoni tal-ftehim bejn il-partijiet skont il-kundizzjonijeit naxxenti mill-ftehim

In the First Hall Civil Court

Today, 16th January, 2026

IWS Global Limited (C6833) vs Gauci Automobiles Company Limited (C18358)

Judicial protest of Gauci Automobiles Company Limited (C18358)

Request with respect:

1. That in the first place, the allegations contained in the judicial protest with number 2/2026 filed by the protesting company on the 5th January 2026 are absolutely unfounded and have no basis neither in fact nor at law;

2. That there is agreement that the vehicle was brought into the possession of the respondent company so that repair works can be carried out following an incident which occurred when you were driving the leased vehicle;

3. That after such works were completed, Mr. Matthias Vidergold as the director of the applicant company and also as the signatory and guarantor of the obligations resulting from the agreement between the parties was repeatedly asked to collect the vehicle personally and this even so that after the repairs carried out on it you accept the vehicle tale quale or otherwise. That furthermore such request was made especially in order to confirm that such repairs were made to the satisfaction of the applicant company. Thus, contrary to what was alleged by the applicant company, the respondent company was always willing to release the vehicle to Mr Matthia Vidergold qua who signed the same agreement;

4. That till this day, the same Matthias Vidergold failed to collect the vehicle as he was requested to do and this to the detriment of the applicant;

5. That furthermore the respondent company points out that the applicant company is in delay in the payment of the rent of the same vehicle for the period between December 2025 and February 2026, so much so that it was called upon by means of a judicial letter with number 61/2026 for such payment. That thus, any allegation that the monthly rent due under the said agreement continued to be paid is completely untrue and consequently there is no amount that should be refunded to the applicant company.

6. That thus, the respondent company is presently suffering damages and this due to the absolute default on the part of the applicant company. That in the event that such default on the part of the applicant company and its representative Matthias Vidergold continues to persist, such action shall lead to the termination of the agreement between the parties according to the conditions resulting

innifsu u dan b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lis-soċjetà protestata fil-konfront tas-soċjetà protestanta skont il-ftehim tal-kirja surreferrit u skont il-liġi.

Għaldaqstant is-soċjetà protestata esponenti, filwaqt illi ġġib il-premess a formali konjizzjoni tas-soċjetà protestanta, tirrespinġi l-allegazzjoijiet tal-istess soċjetà protestanta bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u formalment titlobha sabiex tiddeżisti milli tkompli tivvanta l-pretensjonijiet tagħha kif dedotti fil-protest hawn fuq imsemmi.

Illi s-soċjetà protestanta qiegħda sa minn issa tinżamm responsabbli in culpa, dolo et mora għal kull dannu illi s-soċjetà protestata qiegħda u tista' ssofri minħabba l-allegazzjojijiet u l-aġir tas-soċjetà protestanta u r-rappreżentanti tagħha b'mod partikolari l-firmatarju tal-ftehim ta' kera surreferit.

Notifika: IWS Global Limited f'Junction Business Centre, Level 1, Sqaq Lourdes, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 26 ta' Ġunju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

from the agreement itself and this saving any action due to the respondent company against the applicant company according to the lease agreement above mentioned and according to law.

Thus the applicant respondent company, whilst bringing the above to the formal notice of the applicant company, rejects the allegations of the same applicant company as unfounded in fact and at law and formally asks it to refrain from further advancing its claims as brought forward in the judicial protest above mentioned.

That the applicant company is from now being held responsible in culpa, dolo et mora for any damage that the applicant company is and may suffer due to the allegations and behaviour of the applicant company and its representatives in particular the signatory to the lease agreement above mentioned.

Notification: IWS Global Limited f'Junction Business Centre, Level 1, Sqaq Lourdes, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 26th June, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1705

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' April, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1301/2024, fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited vs Umar Ulhaq, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Umar Ulhaq (KI 0066466A) ta' Redeemer, Triq Gio Maria Camilleri, Il-Mosta, fil-5 ta' April, 2024, United Acceptances Finance Limited (C360) ta' Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, tirreferi għal tnax-il (12) kambjala minnek debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma tħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati dokumenti 20 sa 31.

Is-soċjetà mittenti qiegħda tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €5,256 import tal-kambjali fuq imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmakom illi se tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skont il-liġi mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri.

By means of a decree of the 21st April, 2026, in the records of the judicial letter number 1301/2024, in the names United Acceptances Finance Limited vs Ulhaq Umar, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Umar Ulhaq (ID 0066466A) of Redeemer, Triq Gio Maria Camilleri, Mosta, on the 5th April, 2024, United Acceptances Finance Limited (C360) of Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, refers to twelve (12) bills of exchange, duly signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked Documents 20 to 31.

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €5,256 value of bills of exchange abovementioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

In default of payment, the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Int avżat li għandek id-dritt li topponi għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 26 ta' Ġunju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 26th June, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1706

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta' April, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 514/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Marco Sarti, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Marco Sarti a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum l-11 ta' Frar, 2025

